

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staat der Nederlanden

Konvenuti: Essent NV, Essent Nederland BV

Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 345 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' wkoll taħt il-kunċett ta' "sistema tal-proprjetà fl-Istati Membri" is-sistema tal-projbizzjoni assoluta ta' privatizzazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, hekk kif stabbilita fid-digriet dwar l-azzjonijiet ta' operaturi ta' netwerk, moqri flimkien mal-Artikolu 93 tal-Liġi tal-1998 dwar l-elettriku u l-Artikolu 85 tal-Liġi dwar il-gass, li timplika li l-azzjonijiet f'operatur ta' netwerk jistgħu jiġu ttrasferiti biss fl-ambitu tal-awtoritajiet pubbliċi?
- (2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, għandu dan bħala konsegwenza li r-regoli dwar il-moviment liberu tal-kapital ma humiex applikabbli għall-projbizzjoni ta' grupp ta' kumpanniji, jew tal-inqas li ma hemmx bżonn tiġi eżaminata l-projbizzjoni ta' grupp ta' kumpanniji fid-dawl tar-regoli dwar il-moviment liberu tal-kapital?
- (3) L-għanijiet, li huma wkoll dawk tal-Won [liġi dwar l-amministrazzjoni indipendenti tan-netwerks (Wet onafhankelijk netbeheer)], intiżi, permezz tal-ġlieda kontra s-sussidji traż-versali fis-sens wiesa' (inkluż l-iskambju ta' informazzjoni strateġika), sabiex jiżguraw it-trasparenza fis-suq tal-enerġija u sabiex jipprevjenu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, huma interessi ekonomiċi puri, jew jistgħu jitqiesu wkoll bħala interessi ta' natura mhux ekonomika, fis-sens li, f'ċerti ċirkustanzi, huma jistgħu jikkostitwixxu, inkwantu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, ġustifikazzjoni għal restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fid-29 ta' Frar 2012 — Staat der Nederlanden vs ENECO HOLDING N.V.

(Kawża C-106/12)

(2012/C 151/27)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staat der Nederlanden

Konvenuta: ENECO HOLDING NV

Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 345 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' wkoll taħt il-kunċett ta' "sistema tal-proprjetà fl-Istati Membri" is-sistema tal-projbizzjoni assoluta ta' privatizzazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, kif stabbilita fid-digriet dwar l-azzjonijiet ta' operaturi ta' netwerk, moqri flimkien mal-Artikolu 93 tal-liġi tal-1998 dwar l-elettriku u l-Artikolu 85 tal-Liġi dwar il-gass, li timplika li l-azzjonijiet f'operatur ta' netwerk jistgħu jiġu ttrasferiti biss fl-ambitu tal-awtoritajiet pubbliċi?
- (2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, għandu dan bħala konsegwenza li r-regoli dwar il-moviment liberu tal-kapital ma humiex applikabbli għall-projbizzjoni ta' grupp ta' kumpanniji, jew tal-inqas li ma hemmx bżonn tiġi eżaminata l-projbizzjoni ta' grupp ta' kumpanniji fid-dawl tar-regoli dwar il-moviment liberu tal-kapital?
- (3) L-għanijiet, li huma wkoll dawk tal-Won [liġi dwar l-amministrazzjoni indipendenti tan-netwerks (Wet onafhankelijk netbeheer)], intiżi, permezz tal-ġlieda kontra s-sussidji traż-versali fis-sens wiesa' (inkluż l-iskambju ta' informazzjoni strateġika), sabiex jiżguraw it-trasparenza fis-suq tal-enerġija u sabiex jipprevjenu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, huma interessi ekonomiċi puri, jew jistgħu jitqiesu wkoll bħala interessi ta' natura mhux ekonomika, fis-sens li, f'ċerti ċirkustanzi, huma jistgħu jikkostitwixxu, inkwantu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, ġustifikazzjoni għal restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-29 ta' Frar 2012 — Staat der Nederlanden vs Delta N.V.

(Kawża C-107/12)

(2012/C 151/28)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staat der Nederlanden.

Konvenuta: Delta N.V.

Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 345 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' wkoll taħt il-kunċett ta' "sistema ta' proprjetà fl-Istati Membri" is-sistema tal-projbizzjoni assoluta ta' privatizzazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, kif stabbilita fid-digriet dwar l-azzjonijiet ta' operaturi ta' netwerk, flimkien mal-Artikolu 93 tal-liġi tal-1998 dwar l-elettriku u l-Artikolu 85 tal-liġi dwar il-gass, li jimplika li l-azzjonijiet f'operatur ta' netwerk jistgħu jiġu ttrasferiti biss fl-ambitu tal-awtoritajiet?